32005R1139

L 185/8 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 16.7.2005

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1139/2005

## tal-15 ta' Lulju 2005

## dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda mehmuża mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmijin fl-Anness għal dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija bbażata, totalment jew parzjalment, fuq in-Nomenklatura Magħquda jew li żżid magħha kwalunkwe suddiviżjoni addizzjonali u li hija stabbilita permezz tad-dispożizzjonijiet Komunitarji speċifiċi, bil-ħsieb li jiġu applikati miżuri tariffarji u miżuri oħrajn li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ tal-oġġetti.

(3) Skont ir-regoli ġenerali msemmijin, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella mniżżla fl-Anness għal dan ir-Regolament għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna 2, minħabba r-raġunijiet imniżżlin fil-kolonna 3.

(4) Huwa xieraq li jkun stipulat li tagħrif tariffarju vinkolanti maħruġ mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li huwa marbut mal-klassifikazzjoni tal-oġġetti fin-Nomeklatura Magħquda, iżda li mhuwiex skont dan ir-Regolament jista', għal perjodu ta' tliet xhur, ikompli jkun invokat mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 493/2005 (ĠU L 82, 31.3.2005, p. 1).

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità[2].

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna 2 ta' dik it-tabella.

*Artikolu 2*

Tagħrif tariffarju vinkolanti maħruġ mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri li mhuwiex skont dan ir-Regolament jista' jkompli jkun invokat għal perjodu ta' tliet xhur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Lulju 2005.

*Għall-Kummissjoni*
*László KOVÁCS*
*Membru tal-Kummissjoni*

---

[2] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 648/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 117, 4.5.2005, p. 13).

## ANNESS

| Id-deskrizzjoni tal-oġġetti | Il-klassifikazzjoni (Il-kodiċi NM) | Ir-raġunijiet |
|---|---|---|
| Liżar mhux minsuġ b'kejl ta' bejn wieħed u ieħor 0.60 m b'0.96 m, fuq naħa waħda miksi b'taħlita ta' ħxejjex aromatiċi (klin 30%, origanu 15%, salvja 15%, ħabaq 20%, sagħtar 20%)<br><br>Il-liżar mhux minsuġ jitpoġġa f'reċipjent qabel ma jissajjar ċertu ikel (patè, prieżet, eċċ.). Il-ħxejjex aramatiċi jħawru l-preparazzjoni waqt it-tisjir.<br><br>Il-liżar mhux minsuġ ma jservix bħala t-tgeżwir finali tal-ikel imsajjar. | 21069092 | Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, min-Nota 1 għall-Kapitolu 9, min-Nota 1 (a) għall-Kapitolu 56 u mill-kliem tal-kodiċijiet NM 2106, 210690, 21069092.<br><br>Il-prodott ma jistax jiġi kklassifikat bħala tessut mhux minsuġ tal-Kapitolu 56 għax il-liżar mhux minsuġ huwa preżenti biss bħala mezz ta' ġarr (in-Nota 1 (a) għall-Kapitolu 56).<br><br>It-taħlita tal-ħxejjex aromatiċi hija magħmula minn partijiet ta' pjanti tal-intestatura 0910 (sagħtar, 20%) u tal-intestatura 1211 (pjanti oħrajn, 80%).<br><br>Dawn it-tipi ta' taħlitiet mhumiex koperti mill-intestatura 0910 u mill-intestatura 1211 (in-Nota 1 għall-Kapitolu 9 u l-HSEN għall-paragrafu 7 tal-intestatura 1211)<br><br>La din hija taħlita sempliċi ta' ħxejjex aromatiċi mingħajr ebda ingredjent addizzjonali, mhijiex meqjusa bħala kondimenti mħallta jew taħwir imħallat tal-intestatura 2103.<br><br>Hija kklassifikata fl-intestatura 2106 kif indikat mill-HSEN għall-paragrafu 7 tal-intestatura 1211. |